tad-dnub, għax kif jgħid il-proverbju: "Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int".

X'jiswielu l-bniedem li ma jipperseverax fil-fidi u fil-għemil it-tajjeb? Il-kuruna tar-rebħa tingħata mhux lil min jibda, imma lil min jispiċċa tajjeb. Hekk ukoll min jiġri fit-tiġrija: jieħu l-premju mhux min jibda, imma min jibqa' jiġri sa l-aħħar, kif jikteb San Pawl fuqu nnifsu lil Timotju meta kien il-ħabs jistenna li tingħatalu s-sentenza tal-mewt talli emmen sa l-aħħar ta' ħajtu fi Kristu: "Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal. Temmejt it-tiġrija, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja li biha f'dak il-jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust."

Il-perseveranza fil-fidi hi don, jgħid Santu Wistin, li Alla jagħtih biss lil dawk li jitolbuhulu. Mela jeħtieġ it-**talb** għall-perseveranza fil-fidi u fil-għemil it-tajjeb. L-aqwa mezzi biex wieħed jippersevera fil-fidi huma li jkollok kuraġġ u spirtu qawwi ta' **umiltà** għax, kif jikteb San Ġakbu, "Alla jirreżisti lill-kburin u jagħti l-grazzja tiegħu lill-umli" (Ġak 4:6). L-umiltà titlob sottomissjoni tal-ħsieb u ubbidjenza lejn Alla. Temmen tfisser taqdi, u kif ma jistax ikun li wieħed jaqdi żewġ sidien kontra xulxin, hekk ukoll jeħtieġ li jobdi lil Alla u jiċħad lill-għedewwa tiegħu u tagħna li huma x-xitan, id-dinja u l-ġibdiet ħżiena li jinbtu ġewwa fina.

Mudell qawwi ta' umiltà hi l-Imqaddsa Verġni Marija li b'libertà sħiħa dejjem qalet "Iva" lil Alla. Marija ma fehmitx mill-ewwel il-misteru ta' Binha, madankollu hi mxiet warajh sa fuq il-Kalvarju u baqgħet temmen fih. Kien meta niżel fuqha l-Ispirtu s-Santu li hi fehmet tassew min kien Binha. L-umiltà tagħha għenitha tgħaddi bil-kuraġġ mill-oskurità tal-fidi sakemm Alla għaniha bid-dawl ħelu ta l-Ispirtu tiegħu nhar Pentekoste.

Fl-aħħarnett hu wisq importanti wkoll il-virtù tas-**safa** jew purità billi dawk biss li għandhom qalbhom safja għad jaraw lil Alla (Mt 5:8). Jeħtieġ ukoll li ħajtek tagħmilha **xhud** ta' dak li temmen; li l-fidi tiegħek tkun integrata fi ħsiebek, fi kliemek, f'għemilek u f'ħajtek. Din il-prattika tagħmlek perfett kif jgħid il-proverbju bl-Ingliż "Practice makes perfect." Jekk id-dnub iberred il-fidi fil-bniedem, hekk ukoll **il-ħarba mill-ħażen** isaħħaħha kif jikteb San Pietru: "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex 'il min se jibla'. Iqfulu, sħaħ fil-fidi" (1 Pt 5:8-9).


Societas Doctrinæ Christianæ – M.U.S.E.U.M.
Kummissjoni Appostolat għall-Adulti

Website: www.sdcmuseum.org
Email: kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org



† Verbum Dei caro factum est
Ġimgħa ta' Tagħlim


# Il-Perseveranza fil-Fidi u fil-Ħajja Nisranija



Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270

“Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi”
(2 Tim 4:7)

Mingħajr fidi ħadd ma jista' jogħġob lil Alla. Biex nipperseveraw fiha jeħtieġ qabel xejn inkunu nafu fiex tikkonsisti. Il-fidi m'hix sempliċi stqarrija ta' veritajiet; anqas għandha tkun meqjusa bħala ġabra ta' użanzi, tradizzjonijiet u folklor, bħallikieku biżżejjed tieħu sehem f'ċerti festi, purċissjonijiet, fil-Quddiesa tal-Ħadd għax hekk darrewk. Il-fidi hi aktar minn kultura. Il-fidi hi aktar profonda minn hekk!

Il-fidi hi don jew rigal minn Alla. Hi don li Alla jagħtina fil-Magħmudija mingħajr ebda mertu tagħna. Mingħajrha ħadd ma jista' anqas biss jersaq lejn Alla. Iżda jeħtieġ li din iż-żerriegħa tal-fidi nikkultivawha, inħarsuha u nkabbruha f'ħajjitna. Il-fidi hi l-aċċettazzjoni ta' dawk il-veritajiet kollha li Alla għoġbu jirrivelalna u li huma miġbura fil-Kredu li n-nisrani jistqarr bil-fomm, iżda wkoll fil-moħħ u fil-qalb, fil-Quddiesa tal-Ħadd. Għax il-fidi trid tkun waħda ferma u soda. Biex tkun fidi vera u ħajja, trid tissarraf f'ħajja li taqbel ma' dak li temmen, u li tiġbor fiha dak kollu li taħseb, tgħid u tagħmel fil-ħajja privata u pubblika, fil-ħajja familjari, fil-post tax-xogħol u fir-rikreazzjoni. Mingħajr dan kollu, il-fidi tkun waħda mejta u ma tiswa għal xejn ħlief għal ġudizzju u responsabbiltà akbar quddiem il-Mulej.



Biex ikollok il-fidi mhux bilfors tkun tgħallimt u taf bid-dettalji kollha dak kollu li għandek temmen; biżżejjed taċċetta dak kollu li temmen u tgħallem il-Knisja Kattolika mwaqqfa minn Ġesù Kristu li permezz tiegħu Alla l-Missier għoġbu jgħidilna li huwa jeżisti, li qalilna kif iridna ngħixu u li jippremja t-tajbin u jikkastiga l-ħżiena. Il-fidi, għalhekk, trid tkun universali. Mhux biżżejjed li wieħed jemmen f'Alla; jeħtieġ ukoll li wieħed jemmen lil Alla, jafdah, ikollu fiduċja fih, u jibqa' jafdah ukoll meta ma jifhmux. Hekk għamel Abraham li jissejjaħ missier dawk kollha li jemmnu. Bl-istess mod mhux biżżejjed inkunu nafu kollox fuq Ġesù: min hu, iż-żewġ naturi tiegħu, il-mirakli u x'għallem. Jeħtieġ inkunu nafu lilu. Jeħtieġ li niltaqgħu miegħu, insiru nafuh personalment u nfasslu ħajjitna fuq ħajtu, nimxu warajh u jkollna l-ispirtu tiegħu. F'kelma waħda nħobbuh!

**Il-Perseveranza fil-fidi:**

Fid-dinja li qegħdin ngħixu fiha llum: dinja tal-progress, mgħaġġla, konsumista, moħħha fil-għana, fid-divertiment u l-ħajja komda u fil-kult tal-ġisem, m'hix ħaġa ħafifa temmen u ħafna drabi titlob tbatija, li tiġġieled kontra tiegħek innifsek, u ħafna sagrifiċċju. Jeħtieġ li wieħed jisma' ta' spiss il-kelma ta' Alla, għax il-fidi mis-smigħ kif jgħallimna t-tfajjel Samwel; “Tkellem, Mulej; il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'”. Jeħtieġ titwarrab minn dawk li ma jemmnux jew li ftit jgħożżu l-fidi; jeħtieġ tara liema kotba u rivisti taqra, liema films tmur tara u fejn tmur tqatta' l-ħin ħieles tiegħek. Mill-banda l-oħra tagħmel tajjeb jekk tiffrekwenta s-sagramenti tat-Tqarbin u tar-Rikonċiljazzjoni jew Qrar, taqra kuljum xi silta mill-Kotba Mqaddsa u taħrab kull okkażjoni

# Il-Perseveranza fil-Fidi u fil-Ħajja Nisranija